L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru. 10

Kastilja, 4 ta' Marzu 1977
fid-9.00 pm

Presenti:-

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Daniel Piscopo | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xogholijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tas-Sajd, Industrija u Agrikoltura |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

1. Minuti

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-laqgha Nru. 9 b'xi emendi zghar.

2. Il-Prim Ministru xtaq jiddiskuti mal-Ministri l-problemi:

(a) tal-qaghad li f'dawn l-ahhar xhur kien qed jidher li qed jikber, u

(b) tat-turizmu li wkoll f'dawn l-ahhar xhur kien jidher nizel.

Rigward il-qaghad gie deciz li tinhatar Kummissjoni komposta mill-Prim Ministru u mill-Ministri Barbara, Cremona, W Abela u Sant, biex flimkien jaraw liema huma l-ahjar metodi biex

2/...

jeghlbu l-problema u jnaqqsu l-qaghad. Hawn hekk il-Prim Ministru informa lill-Kabinett illi dakinhar stess ittiehdet decizjoni biex il-Bakery tan-NAAFI taqa' f'idejn il-Gvern bi probabilta' kbira li zzid l-impiegi taghha minn 30 ghal madwar 80.

Rigward it-turizmu l-Prim Ministru heggeg lill-Ministru Piscopo biex jaghmel sforz kbir biex it-turizmu f'dawn il-Gzejjer jissahhah.

3. Il-Kabinett qabel illi s-Sur J Baldacchino mhux addattat biex tinghatalu xi kariga fil-korp diplomatiku Malti.

4. Il-Kabinett iddecieda illi b'effett minn din is-sena l-festa ta' San Guzepp li tahbat fid-19 ta' Marzu ma tibqax izjed "Public Holiday".

Fl-10.30 pm is-Seduta aggornat "Sine die".

........................ ..........................

Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA